

Brussell, 17 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11902/23

STATIS 48
SOC 540
EMPL 382
EDUC 316
SAN 458
ECOFIN 778
DELECT 101

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 4532 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 7.7.2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tal-istatistika dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2024

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 4532 final.

Mehmuż: C(2023) 4532 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2023
C(2023) 4532 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 7.7.2023

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tal-istatistika dwar
it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2024**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni¹, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jispeċifikaw l-għadd u t-titolu tal-varjabbli ta' settijiet tad-*data* differenti. Waqt l-adozzjoni tal-att delegat, l-għadd ta' varjabbli ma għandux jaqbeż, b'aktar minn 5 %, l-għadd ta' varjabbli għal kull dominju ta' dawk diġà meħtieġa, b'mod obbligatorju, mill-Kummissjoni (il-Eurostat) fit-3 ta' Novembru 2019.

Dan ir-Regolament Delegat ikopri l-għadd u t-titlu tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2024.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa bħala parti mit-tħejjija ta' dan l-att delegat.

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-esperti nazzjonali li ġew mistiedna għal-laqgħat tal-esperti biex jiddiskutu l-abbozz tal-att delegat. Il-konsultazzjoni saret waqt il-laqgħa tal-grupp ta' esperti "Statistika dwar is-Soċjetà tal-Infurmazzjoni" tat-8-9 ta' Frar 2023.

Fl-aħħar nett, ġie kkonsultat ukoll il-Grupp ta' Esperti "Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika", u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ġew infurmati kif xieraq.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-objettiv ta' dan ir-Regolament Delegat huwa li jadotta l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2024, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1700.

Il-varjabbli miġbura biss iħallu impatt fuq il-piż. Iż-żieda fl-għadd ta' varjabbli miġbura tissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 6(2). B'mod partikolari, l-għadd ta' varjabbli ma jaqbix b'aktar minn 5 % lill-għadd ta' varjabbli għad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ta' dawk diġà meħtieġa b'mod obbligatorju mill-Kummissjoni (il-Eurostat) meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700.

L-att delegat ma għandu l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

L-att delegat jikkonċerna kwistjoni marbuta maż-Żona Ekonomika Ewropea (iż-ŻEE) u għalhekk l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ tkun estiża għaż-ŻEE.

¹ ĠU L 261 I, 14.10.2019, p.1.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 7.7.2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tal-istatistika dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2024

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

Sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet fl-istatistika għas-suġġetti dettaljati rilevanti stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1700, il-Kummissjoni jenħtieġ tispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fl-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2024,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2024 għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

² ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7.7.2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN